MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 688/1998/1

**Lorna Abela f'isimha u in rappresentanza tas-socjeta' Weg Trading Limited.**

**Vs**

**Anthony Galea u ghal kull interess illi jista' jkollha martu Mary Anne Galea.**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenut Anthony Galea, baghat *fax* lil Manfred Weise tas-socjeta' estera Bautex-Stoffe gmbh datata 18 ta' Marzu, 1998 (hawn annessa u mmarkata Dok. "A");

Premess illi skond l-imsemmija *fax* il-konvenut Anthony Galea tah malafama lill-attrici pro et nomine billi attribwielha fatti determinanti bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama taghha u jesponiha ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u ta' din l-istess socjeta' estera;

Premess illi l-attrici pro et nomine bhala l-parti offiza u ngurjata ghandha d-dritt ghad-danni kontemplati fl-artikolu 28 tal-Ligijiet ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attrici pro et nomine minhabba li l-*fax* fuq imsemmija li giet mibghuta fit-18 ta' Marzu, 1998 (Dok. "A") hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attrici pro et nomine u tesponiha ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u tal-fuq imsemmija socjeta' estera;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici pro et nomine dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti tillikwida f'ammont li ma jeccedix il-hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u dana bhala danni u riparazzjoni ta' l-ingurja morali u malafama li soffriet l-attrici pro et nomine minhabba l-*fax* fuq imsemmija, u dan ai termini ta' l-artikolu 28 u dispozizzjonijiet ohra tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap. 248).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat **in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 15 fejn eccepew ;

1. Illi l-eccipjenti Mary Anne Galea mhiex il-legittima kontradittrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attrici pro et noe;

2. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici pro et noe billi l-fax tal-konvenut Anthony Galea li minnha tilmenta l-attrici pro et noe hija nieqsa mill-"*animus*

*injuriandi* " rikjest mill-ligi u ma tattribwix fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew li jesponuha ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku kif rikjest mill-ligi;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kas il-fatti determinanti lli minnhom qed tilmenta l-attrici pro et noe huma fatti veri maghmula mill-attrici pro et noe in konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju ossia sengha taghha li hija pro et noe tezercita abitwalment.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal a fol. 22 li bih il-konvenuti rrinunzjaw ghat tielet eccezzjoni taghhom;

Rat in- **nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti** a fol. 23 fejn eccepew;

1. Preliminarjament il-*fax* in kwistjoni giet pubblikata barra minn Malta u mhux f'Malta u ghalhekk huwa nieqes rekwizit essenzjali ta' din l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap. 248;

2. Minghajr pregudizzju ghal-premess, l-eccipjenti Mary Anne Galea mhix il-legittima kontradittrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici pro et noe billi ma jezistix l-"*animus injuriandi*" rikjest mill-ligi u l-*fax* in kwisjoni ma tattribwix fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew li jesponuha ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku kif rikjest mill-ligi;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kumment li minnu tilmenta l-attrici pro et noe jammonta biss ghal opinjoni bazata fuq fatti sostanzjalment veri, liema opinjoni tammonta ghal *"fair comment "* permess mill-ligi ;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda  bil-gurament;

Rat is-sentenza preliminari taghha a fol. 46 li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni ulterjuri;

Semghet lill Avukati difensuri;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-ewwel eccezzjoni  fin-nota ta' eccezzjonijiet a fol. 15, u t-tieni eccezzjoni fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri a fol. 23, cjoe li Mary Anne Galea mhix il-legittima kontradittrici, l-attrici kkonfermat illi lill mara tal-konvenut ma tafhix u li din qatt ma kellha x'taqsam man-negozju li kien hemm mal-konvenut. Ghalhekk dina l-eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Fil-mertu fil-*fax* a fol. 4 mibghuta mill-konvenut lill Bautex-Stoffe gmbh  fl-ahhar tal-*fax* hemm miktub hekk:

*We know Mrs. Abela very well and we know how long it takes her to pay for the work which we regularly do for her. She even owes our company commission for contract work which we passed to her for work for the British Hotel in Malta. This is to show how reliable Mrs. Abela is.*

L-attrici qed tilmenta minn dina l-*fax* billi qed tghid li fiha allegazzjoni falza u malafamanti u li meta d-ditta barranija rceviet dina l-*fax* hija ma bdietx taghtiha *credit*.

Il-konvenut xehed li kien tilef kuntratt u kien irrabbja billi d-ditta ta' barra riedet taghti dana l-kuntratt lill attrici u ghalhekk qallhom li ma kienx gust li jahdmu ma haddiehor meta kienu weghdu l-kuntratt lilu. Hu kitbilhom id-diskors li hemm fil-*fax* u kien lest li jissostanzjah. Fil-fatt huwa

pprezenta *statements* li juru li l-attrici kienet lura fil-pagamenti b'aktar minn sena u nofs (ara fol. 57 et seq). Hu xehed ukoll li l-attrici kellha taghtih *commissions* fuq ix-xoghol li kien ghaddielha dwar il-British Hotel. Fuq dawn hu qatt ma hareg *invoice*, pero' kien indika li kellu jiehu *commission* kif jidher mid-dok a fol 65.

**Tikkunsidra**

Fit-tielet eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li ma jesistix l-"animus injuriandi " rikjest mill-ligi u l-*fax* in kwisjoni ma tattribwix fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew li jesponu lill attrici ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku kif rikjest mill-ligi .

Illi kif jikteb l-awtur Gatley on Libel and Slander 9th Ed pagna 46: "*While it is not defamatory to say that someone owes money.. it is defamatory to say that any person is insolvent, or cannot or will not pay his debts, or has delayed paying his debts… To impute such delay or inability to someone would tend to injure his credit in a financial sense, which the law protects as part of his reputation*".

Il-konvenut qed jissottometti li hu ma kellux l-'*animus injurjandi'* rikjest mill-Ligi, pero' f'dan il-kaz il-lezjoni tar-reputazzjoni ta' l-attrici tinsab fil-kliem stess li inkiteb fil-*fax* fis sens li l-attrici ma thallasx u bihom il-konvenut ried juri lid-ditta ta' barra "*how reliable Mrs. Abela is*" . Ghalhekk "Mhux necessarju li jigi rintraccjat l-'*animus injurandi'* meta l-espressjonijiet adoperati huma fis-sens komunement uzati, ingurjuzi". ( Vol 25 p4 p 912). Meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-*animus injuriandi* huwa prezunt. (On. Prof. J. Rizzo Naudi vs F. Agius et App 13/5/1997; Dr. T. Azzopardi vs V. Aqulina et App 27/6/2003). "Ghal finijiet ta' ingurja huwa bizzejjed li wiehed ikun jaf li dak li qieghed jigi divulgat jista' jaghmel hsara lir-reputazzjoni ta' haddiehor" (Dr. E. Mizzi vs E. Cossai et App Civ 21/3/49).

Il-konvenut qed jecepixxi wkoll li fi kwalunkwe kaz il-fatti determinanti lli minnhom qed tilmenta l-attrici huma fatti

veri maghmula mill-attrici in konnessjoni mal-gestjoni tan-negozju taghha li hija tezercita abitwalment.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici qed tikkontesta li hija kellha taghti xi *commissions* lill konvenut. Dwar il-kuntratt tal-British Hotel hi qatt ma rceviet *commission* u ma kienx hemm arrangement fuq dana l-*commission* u l-konvenut qatt ma hareg *invoice* ghalihom.

Dwar il-kontijiet li l-konvenut jghid li huma pendenti u li l-attrici ma hallsitx, din xehdet li hija kellha tiehu xi ammont minghand il-konvenut u billi dana beda jikkontestalha l-ammont li kienet qed titlob, hija zammet lura l-pagamenti li kellha taghtih (ara fol 99).

Ghalhekk l-konvenut ma kienx intitolat li jaqbad u jikteb barra lid-ditta estera (u fi kliemu stess b'rabja) u jimmalafama l-attrici u jtebbghala r-reputazzjoni taghha. Ghalhekk it-talba attrici ghandha tintlaqa'.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tillibera lill konvenuta Mary Anne Galea mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghall attrici;
Tilqa' l-ewwel talba attrici;
U tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) bhala danni li soffriet l-attrici;
Spejjez ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------